MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT

## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tal-5 ta' Frar, 2015

Numru. 1256/2012

**Spettur Priscilla Caruana**

**VS**

**David Callus**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

David Callus ta' 22 sena bin Anthony u Rita nee' Farrugia, mwieled Pieta' fl- 14 ta' Settembru 1992, residenti Mirage, Triq il- Mingel, Zurrieq u detentur tal-Karta tal- Identita' bin- numru 437892M;

Talli fit- 8 ta' Ottubru 2011 ghal habta tat- 3.00am waqt li kien qed isuq il- vettura tal- ghamla Peugeot 306 bin- numru tar- registrazzjoni XS1200 fi Triq il- Belt Valletta, Zurrieq;

1) B' nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b' nuqqas ta' hila fl- arti jew professjoni tieghu, jew b' nuqqas ta' tharis tar- regolamenti, ikkaguna offizi ta' natura gravi fuq il- persuna ta' Ann Marie Dalli u Yasmine Farrugia;
2) Aktar talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi b' nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b' nuqqas ta' hila fl- arti jew professjoni tieghu, jew b' nuqqas ta' tharis tar- regolamenti, ikkaguna offizi ta' natura hafifa fuq Nathan Zammit u Carmel Lia;
3) Talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi saq il- vettura bin- numru tar- registrazzjoni XS1200 b' manjiera bla kont, traskurata u perikoluza;
4) Aktar talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi saq il- vettura b' sewqan eccessiv;
5) Aktar talli saq jew kellu taht il- kontroll tieghu l- istess imsemmija vettura fit-triq meta ma kinx f' kundizzjoni li jsuq minhabba xorb;
6) Ukoll talli ghamel hsara involontarja lill- propjeta' tal-Gvern ta' Malta;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

**Ikkunsidrat;**

Illi mill-provi prodotti rrisulta li fid-data u l-hin indikati, l-imputat kien qed isuq il-vettura tieghu tat-tip Peugeot 306 bin-numru XSI-200, fi Triq il-Belt Valletta, Zurrieq, meta ghal xi raguni hu tilef il-kontroll tal-vettura tieghu u habat go hajt fl-istess triq. Rekbin mighu fil-vettura kellu erba' passiggieri, li minnhom Ann Marie Dalli u Yasmine Farrugia kienu qed isofru minn griehi gravi, mentri t-tnejn l-ohra, Nathan Zammit u Carmel Lia, sofrew griehi hfief. L-imputat sofra griehi gravi wkoll. Il-hames zghazagh ittiehdu l-isptar ghal aktar kura, u Dalli u Callus kienu gew iccertifikati li qeghdin fil-periklu tal-mewt. B'xorti tajba, hadd mill-persuni nvoluti fl-incident ma tilef hajtu. Infethet inkjesta mill-magistrat tal-ghassa, u b'hekk gew preservati l-provi kollha rigward il-kaz.

Minn esami tal-provi jidher car li l-imputat kien qed isuq il-vettura tieghu b'velocita' esagerata w eccessiva, u bil-habta mal-hajt uhud mill-passiggieri spiccaw sahansitra mormija 'l barra mill-istess vettura. Wara l-impatt, il-vettura

baqghet iddur u waqfet distanza ta' 'l fuq minn sebgha w sebghin metru 'l boghod. Il-hajt li fih habtet il-vettura garrab hsarat konsiderevoli, u hafna mill-knaten inqalghu minn posthom u nxterrdu mat-triq, tant l-impatt kien wiehed vjolenti. Fil-fatt, l-espert mekkaniku Mario Buttigieg jaghmel esami tal-velocita' tal-vettura, tenut kont tal-hsara maghmula, tad-distanza fejn waqfet il-vettura u tal-kundizzjoni tat-triq, u kkalkula li l-vettura kienet qed tinstaq bejn wiehed u iehor b'velocita' ta' madwar 169 kilometru fis-siegha. Dan ifisser li l-imputat kien qed isuq il-vettura tieghu b'manjiera bla kont ghall-ahhar, la ghal sahhtu u l-anqas ghas-sahha ta' min kien riekeb mieghu. Ma rrisulta ebda raguni estranja ghall-habta. Ghalhekk huwa biss l-imputat li jahti ghal dan l-incident u ghall-konsegwenzi kollha li rrisultaw minnu.

Il-Qorti ghalhekk sejra ssib htija fl-imputat ghal dan l-incident. L-uniku dubju li ghandha l-Qorti hija dwar il-hames imputazzjoni, u cioe' dak ta' sewqan taht l-influwenza ta' xorb. Minn esami mediku, it-tabib Mario Scerri kkonkluda li l-ammont ta' alcohol fid-demm tal-imputat kien ta' 179mg/dl, li huwa ferm oghla mill-minimum permess mil-ligi. Fl-atti tal-process gie esebit ukoll il-'file' mediku tal-isptar tal-imputat, li minnu jirrisulta wkoll dan l-ammont ta' alcohol fid-demm. Madankollu, dan ir-risultat huwa indikat bhala "not for medico-legal use" fl-istess file, u ghalhekk il-Qorti hi tal-fehma li, fin-nuqqas ta' konferma li dak kien risultat konklussiv, ahjar jigi skartat. Ghalkemm il-Qorti tista' tasal biex temmen li l-imputat kien fis-sakra tant li ma kienx jaf x'inhu jaghmel, ma tistax tippresumi li l-fatti kienu hekk. Fin-nuqqas ta' prova konklussiva f'dan ir-rigward, ikun aktar ghaqli li din l-imputazzjoni tigi dikjarata bhal mhix ippruvata u taghti l-beneficcju tad-dubju lill-imputat. Hekk jew hekk, hemm bizzejjed

provi biex tinstab htija fuq l-imputazzjonijiet l-ohra kollha, li fl-assjem taghhom huma hafna aktar ta’ portata mill-hames imputazzjoni wehidha.

Kwantu ghall-finijiet ta’ piena, il-Qorti qed tikkunsidra biss prigunerija ghall-imputat, jew effettiva jew sospiza. In vista li l-vittmi kollha fiequ u l-incident spicca ma kellux konsegwenzi tragici, u in vista li l-imputat ghadu ta’ eta’ tenera u ta’ fedina penali ghal kollox netta, prigunerija effettiva tista’ tkun eccessiva f’dan il-kaz. Ghalhekk il-Qorti sejra tapplika l-estremi tas-sentenza sospiza flimkien ma’ multa u skwalifika tal-licenzja tas-sewqan ghal perijodu skond il-ligi.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l- Artikoli 226(1)(a) u (c), 325 tal- Kap 9, Art15(1)(a) u (2), 15A, 15H tal- Kap 65 u Art 127 LN 65.11 tal- Ligijiet ta’ Malta.

Ma ssibx lill- imputat hati tal- hames (5) akkuza u ghaldaqstant tilliberah minnha.

Issibu hati tal- ewwel (1), it- tieni (2), it- tielet (3), ir- raba’ (4) u s-sitt (6) akkuzi u ghaldaqstant tikkundannah sena prigunerija sospizi ghal tlett (3) snin ai terminu tal- Art 28A tal- KAp 9 tal- Ligijiet ta’ Malta.

Tikkudnannah multa ta’ elf (€1,000) Ewro, u tordna l-iskwalifika tal- licenzja tas- sewqan tal-imputat ghal sena.

Tordna lill-imputat ihallas l- ispejjez tal-esperti fil-proces verbal, ammontanti ghal elfejn, mitejn u tnejn u sittin Ewro, wiehed u sebghin centezmu (€2,262.71), ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------